## 136. Pocapaglia

F’Pocapaglia hemm ftit tiben,
u sens xejn, jgħidu l-ġirien;
il-ħmir t’hemm ilkoll isaffru,
jinħqu flokhom is-sidien.

Ilsna ħżiena! dan mhux veru!
Pocapaglia għolja wisq
fuq il-ponta ta’ muntanja,
tgħidx kemm jaħkem bard u frisk!

Xejn ma jżomm fuq dik il-għolja
bla jiżżerżaq fil-widien;
kif tiġieġa tbid il-bajda
din tmur ‘l isfel mas-sisien;

Iżda n-nies ta’ Pocapaglia
is-sens għandhom għal kull ħtieġa;
biċċa xkora huma rabtu
taħt id-denb ta’ kull tiġieġa.